# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. Nru. 632/16JRM**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 991/16 maħruġ fl-4 ta' Lulju, 2016, fl-ismijiet:

Carmel u Sylvia konjuġi **GRIMA**

vs

Carmelo **GAUĊI**, Anthony Gauċi, Alfred Gauċi u Victor Gauċi

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutati aħwa Gauċi fid-29 ta' Lulju, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, talbu li din il-Qorti (a) tordna li l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi maħruġ kontra tagħhom mill-intimati eżekutanti miżżewġin Grima, ma jkunx applikabbli u dan safejn dak il-mandat jolqot iż-żamma ta' flejjes ġejjin mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u/jew mit-Teżor ta' Malta lill-eżekutati Alfred, Anthony u Victor aħwa Gauċi mill-pensjonijiet lilhom pagabbli u li ma taqbiżx is-somma ta' sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€ 698.81) kull xahar dwar kull wieħed minnhom; (b) tordna li, fir-rigward tal-eżekutat Carmelo Gauċi, l-effetti tal-imsemmi Mandat ma jkunux applikabbli għal kull ammont ta' pensjoni

li jitħallas mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jew mit-Teżor ta' Malta; (ċ) tordna t-tħassir tal-imsemmi Mandat limitatament għall-ammont ta' sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€ 698.81) dwar kull wieħed mill-eżekutati Alfred, Anthony u Victor, aħwa Gauċi; u (d) tordna t-tħassir tal-imsemmi Mandat għall-ammont kollu li l-eżekutat Carmelo Gauċi jirċievi bħala pensjoni mid-Dipartiment jew mit-Teżor, jew kull ammont ieħor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi;

Rat id-Degriet tagħha tal-4 ta' Awwissu, 2016, li bih ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti, għall-finijiet tal-artikolu 836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tathom żmien biex iressqu Nota bis-sottomissjonijiet tagħhom;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-istess intimati eżekutanti fil-11 ta' Awwissu, 2016, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija laqgħu għat-talba tar-rikorrenti eżekutati billi qalu li jekk l-eżekutati ma jridux jibqgħu jitilfu l-pensjoni tagħhom, imisshom iressqu talba mad-Dipartiment biex il-pensjoni jibgħathielhom b'*cheque* minflok ma jibqa' jkun ikkreditat b'mod dirett il-kont bankarju sekwestrat. Laqgħu ukoll billi ċaħdu li d-dħul waħdieni tal-eżekutati ġej mill-pensjoni, għaliex jgħidu li l-istess eżekutati għandhom dħul ieħor mill-kiri ta' proprjetajiet li huma għandhom. Dwar il-kera li l-eżekutat Carmelo Gauċi jgħid li qiegħed iħallas kull xahar, l-eżekutanti jgħidu li huwa għandu post ieħor tiegħu battal u jista' jmur joqgħod fih;

Rat id-dokumenti mressqa mir-rikorrent mar-Rikors;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti aħwa Gauċi (aktar 'il quddiem imsejħin "l-eżekutati") qegħdin jitolbu t-tħassir f'biċċa minnu biss tal-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-intimati miżżewġin Grima (minn issa 'l hemm imsejħin "l-eżekutanti") ħarġu kontrihom fl-4 ta' Lulju, 2016, biex jikkawtela l-pretensjonijiet tagħhom fis-somma ta' miljun u tliet mitt elf euro (€ 1,300,000) rappreżentanti danni li l-eżekutanti jgħidu li ġarrbu dwar ġid li jinsab f'San Pawl il-Baħar. Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, b'notifika lil ħames sekwestratarji, ilkoll banek kummerċjali;

Illi l-eżekutati jridu li l-imsemmi Mandat ma jibqax fis-seħħ safejn bis-saħħa tiegħu jinqabdu flejjes dovuti lilhom bħala pensjoni u mħallsa direttament f'wieħed mill-kontijiet bankarji sekwestrati;

Illi r-raġunijiet imressqin mill-eżekutati bħala dawk li għalihom huma qegħdin jitolbu r-rimedju msemmi huma li (i) l-liġi tgħid li l-pensjoni ta' persuna ma tistax tkun sekwestrata, u (ii) li, fil-każ tal-eżekutat Carmelo Gauċi, jeħtieġlu f'idejh aktar mill-minimu preskritt mil-liġi biex iħallas il-kera tal-post fejn jgħix ma' familtu u wkoll biex jgħix;

Illi f'azzjoni bħal din, dak li titlob il-liġi hu li t-talba għat-tħassir, jew it-tħassir f'parti, ta' Mandat kawtelatorju jrid ikun jaqa' taħt xi waħda mis-sitt kawżali li jaħseb għalihom l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12;

Illi, kif ingħad, dawn iż-żewġ kawżali huma: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti[1]; u (b) minħabba li fiċ-ċirkostanzi ma huwiex raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ[2];

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[3]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet, liema eżerċizzju huwa mħolli meta din il-Qorti tisma' l-kawża fil-waqt xieraq;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn it-talbiet, joħroġ li l-eżekutati llum huma lkoll pensjonanti[4];

Illi mill-atti tal-Mandat, joħroġ li wħud mill-banek sekwestratarji bagħtu jgħarrfu li huma jżommu kontijiet jew investimenti f'isem uħud mill-eżekutati. Ma ntweriex f'liema kontijiet tidħol il-pensjoni li jirċievu l-eżekutati;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, l-eżekutati jibnuhom fuq żewġ kawżali tal-liġi. Qabel xejn,

[1] Art. 836(1)(b) tal-Kap 12
[2] Art 836(1)(f) tal-Kap 12
[3] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[4] Dokti "A" sa "D", f'paġġ. 4 – 9 tal-atti

għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

A) Li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti [Art. 836(1)(b)]. Il-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher ċar li l-eżekutanti qegħdin isejsu l-ilment tagħhom fuq il-fatt li l-Mandat ma messux inħareġ jew ġie eżegwit fuq l-ammonti li huma jdaħħlu mill-pensjoni tagħhom. F'dan huma jistrieħu fuq dak li jipprovdu l-artikoli 381(1)(b) u 382(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħoddu wkoll għall-Mandati kawtelatorji bis-saħħa tal-artikolu 849 tal-istess Kodiċi;

Illi bir-rispett kollu, dik ir-raġuni ma tistax issejjes kif imiss il-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(b). Fi kliem dik id-dispożizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f'biċċa minnu, titqies biss jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi tal-parti eżekutata bejn il-waqt li jkun inħareġ il-Mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inħareġ sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-seħħ[6]. F'dan il-każ, bl-ebda mod ma ntwera li kien hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi. Għall-kuntrarju, il-provi juru li, sa minn żmien qabel il-ħruġ tal-Mandat, l-eżekutati kollha kienu qegħdin jirċievu l-pensjoni u, b'arranġament aċċettat minnhom, dik il-pensjoni kienet titqiegħed għall-kreditu f'kontijiet bankarji;

Illi, għalhekk, il-Qorti ma ssibx li tista' tilqa' t-talba tar-rikorrenti eżekutati fuq din il-kawżali;

---

[5] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[6] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet *Avukat Tonio Fenech noe vs Avukat Patrick Spiteri pro et noe*

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, kif ingħad, l-eżekutati joqogħdu wkoll fuq dak li tipprovdi l-liġi fir-rigward;

Illi l-eżekutanti jwarrbu l-pretensjoni tal-eżekutati billi jgħidu li dawn igawdu minn dħul ieħor mir-renti jew kirjiet ta' ġid immobbli li huma sidien tiegħu u li ma hemmx ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat kif mitlub;

Illi l-Qorti temmen li, għalkemm dan li jgħidu l-eżekutanti jista' tassew ikun minnu, il-liġi hija tassattiva dwar din ir-regola, u huwa biss f'każijiet speċifiċi li l-liġi tagħti lill-kreditur eżekutant xi sura ta' rimedju dwar il-ħruġ ta' Mandati fejn jirrigwarda ż-żamma ta' ħlasijiet ġejjin minn benefiċċji, pensjonijiet jew għajnuna mħallsa lill-eżekutat taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta[7];

Illi l-Qorti kienet tapprezza aktar li kieku l-eżekutati semmewlha bl-għoti ta' dettalji f'liema kontijiet bankarji sekwestrati tidħol il-pensjoni li huma jirċievu. Dan kien meħtieġ biex tkun tista' tagħti provvedimenti ċari lis-sekwestratarji rispettivi dwar kif imexxu fir-rigward, ladarba t-talbiet tal-eżekutati nfushom ma jwasslux għat-tħassir għal kollox tal-Mandat maħruġ kontrihom;

Illi għalkemm il-liġi tgħid li pensjoni mogħtija mill-Gvern ta' Malta mhijiex sekwestrabbli, tagħmel eċċezzjoni fejn jidħlu pretensjonijiet ta' kredituri tal-parti eżekutata. Il-liġi tippermetti s-sekwestru ta' dak l-ammont li taqbeż l-ammont ta' € 698.81 kull xahar. Madankollu, il-liġi tagħti lid-debitur eżekutat il-jedd ukoll li juri li jekk kemm-il darba jkun jeħtieġ aktar mill-ammont imsemmi biex ikun jista' jgħix hu u dawk li minnu jiddependu, l-effetti tal-Mandat jitwaqqgħu wkoll dwar dak l-eċċess[8];

Illi mill-ftit provi li tressqu quddiem il-Qorti f'din il-proċedura, joħroġ ċar li, fir-rigward tal-eżekutati Anthony u Victor Gauċi, il-pensjoni li jirċievu kull xahar ma taqbiżx l-ammont ta' €698.81. Dan ifisser li, għandhom jew m'għandhomx dħul ieħor, il-pensjoni tagħhom mhijiex sekwestrabbli minn kreditur. Min-naħa l-oħra, fil-każ taż-żewġ eżekutati l-oħrajn Alfred u Carmelo Gauċi, id-dħul tagħhom bejn pensjoni tas-Sigurta' Soċjali u dik tat-Teżor jaqbżu, b'medja, l-imsemmija somma;

---

[7] Art. 382(1) tal-Kap 12
[8] *Proviso* tal-art. 382(1) tal-Kap 12

Illi l-eżekutat Gauċi jsemmi nfieq ta' kera kull xahar, imma ma ressaq l-ebda prova ta' dan u wieħed irid ifakkar li r-rikors promotur lanqas biss huwa maħluf;

Illi fiċ-ċirkostanzi, u minn dak li joħroġ mill-atti, jiġi li fil-każ tar-rikorrenti eżekutati Alfred u Carmelo Gauċi, il-ħarsien li jistħoqqilhom jingħataw bil-liġi fil-konfront ta' kredituri tagħhom huwa dak li jingħata liż-żewġ ħuthom l-oħrajn eżekutati;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti filwaqt li ma ssibx li hemm raġunijiet biex tordna t-tħassir tal-Mandat, issib ukoll li hemm raġuni dettata mil-liġi biex tordna li l-effetti tal-Mandat ma jkunux jgħoddu dwar il-ħlasijiet li jsiru lill-eżekutati dwar il-pensjonijiet li huma jirċievu, u dan sal-limitu tas-somma ta' € 698.81 imsemmija mil-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti eżekutati billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** billi ssib li l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 991/16SM ma jkunux jgħoddu għall-pensjoni li titħallas lil kull wieħed mill-eżekutati Alfred, Anthony u Victor aħwa Gauċi, sal-ammont ta' sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€ 698.81) kull wieħed minnhom kull xahar;

**Tilqa' t-tieni talba** limitatament billi ssib li l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 991/16SM ma jkunux jgħoddu għall-pensjoni li titħallas lill-eżekutat Carmelo Gauċi, sal-ammont ta' sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€ 698.81) kull xahar;

**Tilqa' t-tielet talba** safejn inżammu l-ħlasijiet tal-pensjoni dovuti lill-eżekutati Alfred, Anthony u Victor aħwa Gauċi sal-ammont ta' sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€ 698.81) kull xahar fir-rigward ta' kull wieħed minnhom minn dakinhar li nħareġ il-Mandat sal-lum u millum 'il quddiem sa ma jingħata ordni ieħor minn din il-Qorti jew sakemm idum fis-seħħ il-Mandat;

**Tiċħad ir-raba' talba**, imma tordna li jinħelsu mill-effetti tal-Mandat l-ammont ta' sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€ 698.81) kull xahar fir-rigward tal-eżekutat Carmelo Gauċi minn dakinhar li nħareġ il-Mandat sal-lum u millum 'il quddiem sa ma jingħata ordni ieħor minn din il-Qorti jew sakemm idum fis-seħħ il-Mandat;

L-istess eżekutati għandhom, bi spejjeż għalihom, jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa mar-rispettivi banek sekwestratarji biex jitwettaq dak li jinsab ordnat bis-saħħa ta' dan id-degriet;

**L-ispejjeż** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, il-Hamis is-27 ta' Ottubru, 2016.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

Komunika: Rikorrenti Eżekutati: Dr. Ian Vella Galea LL.D.
Intimati eżekutanti: Dr. Graziella Attard LL.D.

(kopja għan-notifika tal-partijiet)